**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel. Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 10 ta' Lulju, 2018

Rikors Guramentat numru : 402/10 AL

**A B**

**Vs**

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attur, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

Illi minn relazzjoni bejn il-kontendenti, twieldet il-minuri M B li llum għandha kważi sitt snin;

(2) Illi permezz ta' digriet numru 79/09 mogħti fid-19 ta' Jannar

2009 fl-atti tal-ittra ta’ medjazzjoni numru 384/08/1, din l-Onorabbli Qorti ordnat li l-kura u kustodja tal-minuri għandha tkun konġunta bejn il-partijiet skond ir-rakkomandazzjonijiet magħmula mis-*Social Worker* Denise Portelli fir-rapport tagħha preżentat fit-12 ta’ Jannar 2009;

(3) Illi permezz ta’ rikors urġenti ppreżentat mill-esponent fil-11 ta’ Ġunju 2009 l-esponent ġab a konjizzjoni ta’ din l-Onorabbli Qorti, fatti li seħħew wara li sari r-rapport tal-ewwel *Social Worker* u li kienu tassew gravi rigwardanti l-minuri M. Fid-dawl ta’ dawn iċ-ċirkustanzi l-esponenti talab li tinħatar *Social Worker* oħra sabiex tirrelata dwar l-inċidenti li għalihom ser terġa’ ssir referenza matul it-trattazzjoni ta’ din il-kawża (anki *stante* li żdiedu inċidenti oħra) sabiex din il-Qorti tiddeċiedi dwar min għandu jkollu l-kura u kustodja tal-minuri M;

(4) Illi permezz ta’ digriet mogħti mill-istess Qorti fl-4 ta’ Marzu 2010, is-*Social Worker* Therese Micallef ġiet inkarigata sabiex tkompli l-inkarigu li kien diġa’ mogħti lilha biex tiffinalizza u tippreżenta r-rapport tagħha sabiex dik il-Qorti tkun tista’

tiddeċiedi dwar min mill-ġenituri għandu jingħata l-kura u kustodja tal-minuri M;

(5) Illi r-rakkomandazzjoni finali mogħtija minn din is-*Social Worker* kienet li l-kura u kustodja tingħata lill-esponent u li l-minuri tibda tgħix miegħu;

(6) Illi minkejja dan kollu permezz ta' digriet mogħti minn din l-Onorabbli Qorti fis-7 ta' Settembru 2010, it-talba tal-esponent sabiex jingħata l-kura u kustodja esklussiva ta' bintu l-minuri M ġiet miċħuda, u dan mingħajr ebda motivazzjoni l-għala l-Qorti mhux biss skartat kompletament ir-rakkomandazzjonijiet tas-*Social Worker*, iżda b'mod *ultra vires*, fdat il-kura u l-kustodja tal-minuri esklussivament f'idejn l-omm u naqset l-aċċess u l-ħinijiet mogħtija favur l-esponent permezz tad-digriet tad-19 ta' Jannar 2009, u dan meta l-intimata la qatt talbet biex tiġi fdata b'mod esklussiv il-kura u kustodja tal-minuri u lanqas biss talbet għar-riduzzjoni tal-ħin ta' aċċess.

Talab fid-dawl ta' tali fatti li l-konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

) Tieħu konjizzjoni kif suppost tal-fatti kollha li ser jiġu elenkati matul il-mori ta' din il-kawża u tar-rapport finali tas-*Social Worker* Therese Micallef;

(2) Tirrevoka *contrario imperio* u tannulla l-effetti tad-digrieti mogħtija dwar kura u kustodja numru 79/09 mogħti fid-19 ta' Jannar 2009 fl-atti tal-ittra ta' medjazzjoni numru 384/08/1 u dak mogħti fis-7 ta' Settembru 2010 fl-Atti tal-Ittra ta' medjazzjoni numru 670/09;

(3) Tordna li l-kura u kustodja tal-minuri M tiġi fdata lill-esponent missierha u dan b'mod esklussiv;

(4) U nel frattemp matul il-mori ta' din il-kawża tordna li l-kura u kustodja tal-minuri tiġi fdata lilu b'dan li l-intimata jkollha aċċess għall-istess minuri skond ħinijiet u ġranet stipulati.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta, li *in forza* taghha hija eccepiet : (fol.49)

1. Preliminarjament l-irritwalita' u nullita' tal-kawża odjerna

*stante* li r-rikorrent m'ottjeniex l-awtorizazzjoni meħtieġa *ai termini* tal-Avviż Legali 397/2003 sabiex jipproċedi b'din l-istanza;

2. Subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-premess, it-talbiet tar-rikorrent għandhom jiġu miċħuda *in toto* u dan peress li m'huwiex fl-interess suprem tal-wild minuri tal-kontendenti li l-kura u kustodja tagħha tiġi fdata lir-rikorrent u li l-arranġament preżenti jiġi disturbat u tinħoloq instabbilita' fil-ħajja tal-minuri;

3. Illi din il-kawża tirrappreżenta l-ennesimu sforz da parti tan-nanna paterna sabiex **hi** tirbaħ il-gwerra li ddikjarat mal-intimata, fis-sens li ser tirbħilha lil bintha (l-minuri M).

Salv eċċezzjonijiet oħra.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuta;

Rat l-affidavits kollha esebiti;

Rat ir-rapport tal-ħaddiema soċjali Denise Portelli redatt fil-bidu tas-sena 2009[1] fejn hija rrakkomandat illi l-kura u l-kustodja tal-minuri M tibqa' waħda konġunta, b'dan illi fi żmien l-iskola, il-minuri tgħix mal-omm, u l-missier ikollu aċċess adegwat, filwaqt illi fis-sajf, il-minuri tgħix tlett'ijiem ma' missierha u tlett'ijiem ma' ommha.

Rat ir-rapport tal-ħaddiema soċjali Therese Micallef iddatat it-12 ta' Lulju 2010[2] fejn hija kienet irrakkomandat illi l-kura u l-kustodja tal-minuri tkun fdata mal-missier, ossia l-attur, bl-omm li jkollha aċċess kull nhar ta' Erbgħa u Ġimgħa, u b'mod alternattiv fi tmien il-ġimgħa.

Rat id-dokumenti kollha esebiti u l-atti proċesswali kollha inkluż ix-xiehda ta' dawk kollha li ddeponew quddiem il-Perit Legali Dottor Abigail Critien u d-dokumenti li huma esebew;

Rat illi minkejja li l-Qorti akkordat lill-partijiet il-fakolta` li jippreżentaw in-noti ta' sottomissjonijiet finali rispettivi tagħhom, huma għażlu li ma jagħmlux dan;

Rat illi l-kawża ġiet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat:

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Illi l-Qorti għandha quddiemha kawża fejn ir-rikorrenti qiegħed jitlob li jiġi fdat esklussivament bil-kura u l-kustodja ta' bint il-partijiet, ossia il-minuri M B, imwielda fl-4 ta' Marzu 2005, b'aċċess adegwat versu l-omm.

<u>DWAR L-EWWEL EĊĊEZZJONI PRELIMINARI</u>

---

[1] Fol. 393

[2] Fol. 28

Il-konvenuta teċċepixxi preliminarjament illi r-rikorrent m'ottjeniex l-awtorizzazzjoni meħtieġa ai termini tal-Avviż Legali 397/2003 sabiex jipproċedi għal din l-istanza u għalhekk il-kawża hija nullita` u irrita.

Illi l-Qorti tat il-fakolta` lill-partijiet sabiex iressqu l-provi dwar din l-eċċezzjoni tal-konvenuta u l-attur effettivament esebixxa kopja legali ta' digriet mogħti fis-26 t'Ottubru 2010[3], fejn din il-Qorti kif diversament presjeduta awtorizzatu jipproċedu b'kawża.

## <u>IS-SITWAZZJONI *PENDENTE LITE*</u>

Il-Qorti tirrileva illi *pendente lite* il-kwistjoni tal-kura, l-kustodja u l-aċċess ġiet irregolata minn diversi digrieti:

- Digriet ta' din il-Qorti kif diversament presjeduta, tal-**31 t'Ottubru 2008**, fejn il-Qorti ordnat illi l-kura u l-kustodja tal-minuri tkun waħda konġunta;[4]

- Digriet ta' din il-Qorti kif diversament presjeduta, tat-**18 ta' Novembru 2008**[5], fejn il-Qorti ordnat illi l-kura u l-kustodja tal-minuri tkun waħda konġunta, b'dan illi l-minuri tgħix mal-omm u l-missier ikollu aċċess tliet darbiet fost il-ġimgħa u darba fi tmiem il-ġimgħa;

- Digriet ta' din il-Qorti diversament presjeduta iddatat id-**19 ta' Jannar 2009**[6] fejn il-Qorti ordnat illi l-aċċess ikun skond dak irrakkomandat mill-ħaddiema soċjali Denise Portelli fir-rapport tagħha ġja ċċitat.

- Digriet ta' din il-Qorti kif diversament presjeduta tas-**7 ta' Settembru 2010**[7] fejn il-Qorti fdat lill-konvenuta bil-kura u

[3] Digriet Numru 1603/2010 Fol. 55
[4] Fol. 777
[5] Fol. 780
[6] Fol. 782
[7] Fol. 63

l-kustodja tal-minuri M u ordnat illi l-minuri għandha tirrisjedi mal-omm b'dana illi l-missier ikolli aċċess għall-minuri nhar ta' Tnejn, l-Erbgħa u l-Ġimgħa mit-3.00pm sas-6.00pm u alternattivament il-Ġimgħa mis-6.00pm sas-Sibt fis-6.00pm jew is-Sibt mill-4.00pm sal-Ħadd fil-5.00pm.

- Fl-4 ta' Diċembru 2012[8], il-Qorti laqgħet it-talba tal-attur kif dedotta fir-rikors tiegħu tad-19 ta' Novembru 2012 fejn huwa talab li l-minuri tagħmel *sleepover* miegħu fiż-żminijiet tal-festi tal-Milied.

- Fit-**30 ta' Marzu 2015**[9], il-Qorti tat digriet ieħor illi permezz tiegħu ordnat illi l-aċċess tal-missier ikun kif konkluż mill-Avukat tat-tfal Dottor Tanya Sammut Catania, li ġiet innominata għal dan l-iskop. Skond l-istess rapport l-aċċess kellu jsir:

  1) Dwar **l-aċċess matul is-sena skolastika** – jibqa' l-istess kif degretat fid-digriet mogħti minn dina l-Onorabbli Qorti fis-7 ta' Settembru 2010 b'dana illi it-Tnejn l-missier jiġbor lit-tifla minuri mill-iskola fis-2.30pm u jieħu t-tifla l-mużew fil-5.30pm;

  2) Dwar **l-aċċess eżerċitat waqt il-vaganzi skolastiċi tal-Milied, Għid u Sajf** - l-aċċess jibqa' fl-istess ġranet kif deċiż fid-digriet tas-7 ta' Settembru 2010 b'dana illi l-aċċess ta' matul il-ġimgħa jibda fit-3.00pm u jispiċċa fit-8.30pm u kull nhar ta' Erbgħa l-aċċess jkun mit-3.00pm bid-dritt illi jraqqad lit-tifla miegħu sal-għada l-Ħamis fl-10.30am;

[8] Digriet fol. 131
[9] Digriet fol. 202

3) Fir-rigward tat-talba tar-rikorrent in konnessjoni ma' **Lejliet il-Milied, il-Milied, Lejliet l-Ewwel tas-Sena u l-Ewwel tas-Sena** din it-talba għandha tintlaqa' kif dedotta u cioe l-aċċess tal-missier ikun fl-24 ta' Diċembru mit-3pm sal-għada 25 ta' Diċembru fit-3pm, u fl-1 ta' Jannar mit-3pm sal-għada 2 ta' Jannar fit-3pm; u s-sena ta' wara fil-25 ta' Diċembru fit-3pm sal-għada 26 ta' Diċembru fit-3pm u mill-31 ta' Diċembru mit-3pm sal-għada l-1 ta' Jannar fit-3pm u jibqa' jitħaddem hekk b'mod alternat minn sena għall-oħra;

- Permezz ta' digriet mogħti fit-**18 ta' Frar 2016**[10], il-Qorti issospendiet b'effett immedjat l-aċċess tal-attur versu bintu M u dan in vista li l-istess ġie mressaq taħt arrest quddiem il-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta akkużat illi b'għemil żieni kkorrompa lill-istess minuri.

IR-RAPPORT TAL-PERIT LEGALI DOTTOR ABIGAIL CRITIEN

Il-Qorti tirrileva illi l-abbli Perit Legali ħadet konsiderazzjoni profonda u akkurata tax-xiehda kollha miġjuba quddiemha, kif ukoll ta' dawk id-dokumenti esebiti direttament fl-atti tal-kawża, billi kienu mehmużin ma' noti u rikorsi. Illi l-istess Perit Legali għamlet eżami tajjeb tal-prinċipji legali li jaffettwaw il-każ odjern. Għalhekk il-Qorti għandha konvinċiment morali sħiħ li hija tista' sserraħ fuq il-konklużjonijiet peritali fid-deċiżjoni tagħha.

Dwar ir-rapport imħejji mill-ħaddiema soċjali Therese Micallef, il-Perit Legali jidhrilha li deċiżjoni dwar kura u kustodja ta' minuri ma tittieħidx għab-bażi ta' laqgħa waħda mal-minuri meta l-istess minuri tkun ma tiflaħx. Deċiżjonijiet ta' tali portata jridu jittieħdu għab-bażi ta' laqgħat kontinwi, rapportaġġ kontinwat u konsistenti li flimkien ma' kull prova oħra u flimkien

[10] Fol. 240

m’opportunitajiet ugwali lill-partijiet, wieħed jista’ jasal għal xi forma ta’ konklużjoni. Lanqas tista’ tikkumpara dik il-laqgħa ma’ laqgħa oħra fejn il-minuri tkun tiflaħ, għaliex wieħed ma jkunx qiegħed iqabbel *like with like*. Huwa normali li l-imġieba tal-minuri ser tkun differenti jekk tkun ma tiflaħx. Inoltre l-Perit Legali jidhrilha li l-ħaddiema soċjali ma tistax tasal għall-konklużjoni li tafda minuri ma’ wieħed mill-ġenituri sempliċiment għax il-minuri turi dik ix-xewqa. Minkejja li wieħed jirrealizza li l-minuri għandhom id-dritt li jsemmgħu leħinhom, tali dritt għandu jittieħed fil-kuntest tad-dmir ta’ min hu adult u jista’ jiddeċiedi x’inhu l-aħjar għall-istess minuri. Il-ħaddiema soċjali kellha tara jekk kienx hemm xi tip ta’ *brainwashing* jew *parent alienation* biex it-tifla tgħid ċertu kliem. Kellha tara wkoll, ladarba l-minuri wriet iktar inklizazzjoni lejn il-missier, jekk dan kienx qiegħed jassumi r-responsabilitajiet tiegħu ta’ missier li jipprovdi għal bintu.

Illi l-Perit Legali uriet il-fehma li għab-bażi tad-diversi proċeduri fejn l-attur instab ħati ta’ reati serji[11], jirriżulta li għandu karattru furjuż li taqbiżlu malajr u li tali fatturi jew aspetti tal-karattru tiegħu ma jagħtux eżempju tajjeb lill-minuri. Tirrileva wkoll illi matul is-seduti l-attur tilef l-interess fil-proċeduri u filwaqt li fil-bidu kien mimli nteress (forsi anke sforz tal-interess li kienet turi ommu), l-istess interess maż-żmien naqas tant li lanqas baqa’ jidher għas-seduti. Iżżid li minkejja li l-attur kien jallega illi ma jaħdimx, kienet tkun ommu li fil-maġġor partu tmur għall-minuri u tieħu ħsiebha. Inoltre l-istess attur kien iktar konċentrat biex iħammeġ u jgħid affarijiet u allegazzjonijiet fil-konfront tal-intimata milli jindika kif hu l-aħjar ġenitur għall-minuri. Il-Perit Legali ma tagħtix kredibilita` lill-attur li jgħid li kien imur l-għalqa ma’ missieru *senza interessi* għaliex jekk verament raġel hu bieżel biżżejjed biex jaħdem dawk is-sigħat kollha, allura wieħed jistenna li l-istess raġel ikun qed idaħħal xi forma ta’ introjtu għall-istess xogħol. Anke jekk dan mhux il-każ, hija tal-fehma, li l-fatt li l-attur għażel illi jqatta’ l-ħin tiegħu f’xogħol jew attivita` li ma jrendux introjtu meta għandu minuri x’jitma, juri nuqqas ta’ responsabilita` kbira da parti tiegħu u li l-istess attur

[11] Fedina penali tal-attur esebita fol. 656 flimkien mad-diversi sentenza li ngħataw fil-konfront tiegħu;

jitfa' r-responsabilita` tal-istess minuri fuq l-intimata jew fuq il-ġenituri tiegħu. Fil-fehma tagħha, dan mhux aġir li jistħoqqlu li jkun afdat bil-kura u l-kustodja ta' bintu. Illi għalhekk hija tirrakkomanda li t-talbiet tal-attur għandhom jiġu miċħuda.

Dwar l-aċċess versu l-missier, il-Perit Legali uriet il-fehma li d-deċiżjoni dwar dan ser tvarja skont l-eżitu tal-proċeduri kriminali fil-konfront tiegħu relattivi għall-korruzzjoni tal-minorenni mertu ta' din il-kawża. Illi f'każ li l-attur jinħeles minn kull akkuża li għandu (kif preżentement nafu li ġie hekk meħlus) allura għandha titqabbad ħaddiema soċjali bil-għan li tfassal pjan ta' kif l-attur jerġa' jiġi introdott fil-ħajja tal-minuri bil-mod stante li ser ikun għadda ħafna żmien minn meta l-aħħar kien hemm xi forma ta' komunikazzjoni bejn il-missier u l-bint u jkun biss wara li jitqiesu l-aspetti kollha relatati mal-każ u l-aħjar interessi tal-minuri, nkluż ix-xewqat tal-istess minuri, li l-attur għandu jerġa jibda jeżerċita d-dritt tiegħu t'aċċess, dejjem skond dawk il-modalitajiet li jkunu ġew irrakkomandati fl-aħjar interessi tal-minuri. L-aċċess għandu jkun intiż li jiżdied maż-żmien jekk kollox jirriżulta pożittiv u l-istess ħaddiema soċjali mqabbda għal dan il-għan tagħti r-rakkomandazzjonijiet tagħha f'dan is-sens.

Finalment il-Perit Legali korrettement tirrimarka illi m'hemm ebda talba jew kontro-talba relattiva għall-manteniment tal-minuri u għaldaqstant ma kellhiex tirrelata dwar dan.

## ŻVILUPPI WARA R-RAPPORT PERITALI

Jirriżulta illi fis-16 ta' Marzu 2018, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta), tat id-deċiżjoni tagħha dwar l-akkużi fil-konfront tal-attur illi kkorrompa lil bintu M B.

Illi minkejja li din il-Qorti ma laqgħetx ir-rikors tal-attur ippreżentat fis-26 t'April 2018[12], sabiex tissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza, fid-diskrezzjoni tagħha qiegħda xorta waħda

[12] Fol. 932

tieħu konjizzjoni tas-sentenza li kopja informali[13] tagħha ġiet esebita mill-attur mal-imsemmi rikors. Illi l-import tal-istess sentenza jaffettwa din id-deċiżjoni in vista li kien għab-bażi tal-istess akkużi li l-Qorti ħasset il-ħtieġa li tipproteġi lill-minuri billi ssospendiet l-aċċess tagħha favur il-missier. Illi l-kontenut importanti ta' din is-sentenza jissupera kwalsiasi regolament proċedurali, speċjalment in vista tal-fatt li fejn jidħol l-aqwa interess tal-minuri, il-Qorti għandha diskrezzjoni l-iktar ampja biex tagħti dawk il-provvedimenti li jidhrilha neċessarji.

Illi permezz ta' din is-sentenza li llum tikkostitwixxi *res judicata* in vista li minnha ma ġie ntavolat ebda appell, il-Qorti sabet lill-imputat (ossia lill-attur) mhux ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu u konsegwentement illiberatu minnhom. Illi fil-kliem tal-Qorti: *"huwa minnu li ż-żewġt'itfal raw xi video mhux adatt għalihom fuq il-mobile phone iżda mill-provi bl-ebda mod ma jirriżulta li l-imputat kien jaf bl-eżistenza ta' dan il-video fl-2015 jew li huwa fl-2009 wera video indeċenti lil bintu meta din kellha erba' snin. Huwa pjuttost evidenti li t-tifla kellmet ma' kuġintha Shania dwar xi ħaġa li hi u Rhea kienu raw jew għamlu flimkien u din qalet lill-ommha li mbagħad qalet lill-omm il-minuri* ***din tal-aħħar ħadet l-opportunita sabiex tikkreja l-istorja tal-video meta t-tifla kellha erba' snin****.[14]"*

PRINĊIPJI LEGALI

Illi huwa ritenut fil-ġurisprudenza tagħna li, f'kawżi bħal din, il-Qorti għandha tikkunsidra l-aqwa interess tal-minuri.

Fil-kawża Jennifer Portelli pro.et noe. vs. John Portelli[15] intqal: *"Jingħad illi l-kura tat-tfal komuni tal-miżżewġin, sew fil-liġi antika u sew fil-liġi viġenti, kif ukoll fil-ġurisprudenza estera u f'dik lokali hija regolata mill-prinċipju tal-aqwa utilita' u l-akbar vantaġġ għall-interess tal-istess tfal li ċ-ċirkustanzi tal-każ u l-koeffiċjenti tal-fatti partikulari tal-mument ikunu jissuġġerixxu. Illi*

[13] Fol. 936

[14] Enfasi ta' din il-Qorti

[15] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta' Ġunju 2003, Ċitazz Numru: 2668/1996/2RCP

*in konsegwenza, ir-regola sovrana fuq enunċjata għandha tipprevali dwar il-kustodja u l-edukazzjoni tat-tfal komuni tal-miżżewġin, sew meta l-konjuġi jisseparaw ruħhom ġudizzjarjament, sew meta jiġu biex jisseparaw konsenswalment*;"

Illi fil-kawża fl-ismijiet Susan Ellen Lawless vs. Il Reverendo George Lawless[16], il-Qorti kienet qalet illi *"la cura ed educazione dei figli, nel caso che la moglie non continua ad abitare col marito, deve essere commessa ed affidata a colui, fra i conjugi, che si riconoscera' piu atto ed idoneo a curarli ed educarli, avuto riguardo alla loro eta', ed a tutte le circostanze del caso – sotto quei provvedimenti, che si reputino spedienti pel vantaggio di tali figli".*

Illi ngħad ukoll fil-kawża fl-ismijiet John Cutajar vs. Amelia Cutajar et [17] u Maria Dolores sive Doris Scicluna vs. Anthony Scicluna[18] illi *"apparti l-ħsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li għandhom setgħa fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in ġenerali, il-prinċipju dominanti 'in subjecta materia', li jiddetermina normalment u ġeneralment il-kwistjonijiet bħal din insorta f'dina l-kawża, huwa dak tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ u nteress tal-istess minuri fl-isfond taċ-ċirkostanzi personali u 'de facto' li jkunu jirriżultaw mill-provi tal-każ li jrid jiġi riżolut..."*

Il-Qorti għaldaqstant għandha s-setgħa illi jekk ikun fl-aħjar interess tal-minuri, tafda wieħed biss mill-ġenituri bil-kura u l-kustodja tal-minuri u dana ai termini tal-Artikolu 56 tal-Kodiċi Ċivili[19]. Illi kif kellha l-okkażjoni ttenni din il-Qorti diversi drabi, l-interess tal-minuri huwa iprem mid-drittijiet tal-ġenituri. *"Il-Qorti tirrileva illi filwaqt li dejjem tagħti piż għad-drittijet tal-ġenituri, l-interess suprem li żżomm quddiemha huwa dejjem dak tal-*

---

[16] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-8 ta' Diċembru 1858;
[17] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Jannar 1956;
[18] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Novembru, 2003 (Ċitazzjoni Numru. 1715/2001/1RCP)
[19] Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

*minuri, kif anke mgħallma mill-ġjurisprudenza kostanti tagħna hawn 'il fuq iċċitata."*[20]

APPREZZAMENT TAL-QORTI

Illi l-Qorti, qabel ma ċċaħħad lil xi ġenitur mill-kura u kustodja ta' binha jew ibnu, tagħmel dejjem deliberazzjoni profonda dwar iċ-ċirkostanzi u tqis diversi drabi qabel ma taqtagħha.

Fil-każ odjern, il-Qorti tħossha ferm inkwetata bis-sitwazzjoni tal-minuri u dana stante li kif tajjeb irrelatat il-Perit Legali, l-attur m'huwiex denju li jkollu l-kura u l-kustodja ta' bintu. Hu bniedem li xellef dufrejh mal-ġustizzja diversi drabi u wera ruħu immatur fil-konfront tal-intimata li wara kollox hija omm bintu, u għalhekk kellu jżomm quddiemu li billi jħammeġ lill-intimata, bintu ma kienet ser tieħu ebda ġid.

Iżda hemm ukoll diversi fatturi li jimmilitaw kontra l-konvenuta – l-ewwel u mhux l-inqas il-fatt li fl-ewwel tliet snin u nofs tal-ħajja tal-istess minuri, dina trabbiet tista' tgħid min-nanna paterna u l-konvenuta ma kinitx wisq impenjata favur it-trobbija ta' bintha. Il-minuri kienet torqod fil-cot tagħha fil-kamra tas-sodda tan-nanniet u mhux tal-ġenituri! Ġew rappurtati diversi episodji li jindikaw illi l-konvenuta mhux dejjem aġixxiet b'mod matur kif wieħed jistenna minn omm responsabbli. Eżempju zgħir huwa l-episodju meta t-tifla kellha l-qamel f'xagħarha fl-1 ta' Awwissu 2008 u sal-5 t'Awwissu 2008 kienet għadha bil-qamel[21], meta l-qamel huwa daqstant faċli li teliminah bil-kura appożita.

Illi pero`, oltre minn episodji żgħar bħal dawn, il-Qorti hija ferm inkwetata bil-kumment mgħoddi mill-Qorti tal-Magistrati, fis-sentenza tas-16 ta' Marzu 2018, fejn il-Maġistrat Dottor Audrey J. Demicoli mingħajr eżitazzjoni tiddikjara li l-omm ħadet l-opportunita` sabiex tikkreja l-istorja tal-video meta t-tifla kellha erba' snin. Il-Qorti qalet ukoll li l-minuri kienet qiegħda tirrepeti

[20] Frances Farrugia vs. Duncan Caruana, deċiża fil-31 ta' Mejju 2017 (Rikors Ġuramentat 268/11AL)

[21] Rapport tal-Pulizija 7/Q/1272/2008, fol. 6

kliem li xi ħadd adult qalilha li kellha tgħid. Illi dana jwassal lill-Qorti sabiex tikkonkludi illi anke l-omm fittxet li tiskorja kontra l-attur a skapitu tal-minuri. Dan l-aġir li wassal lill-minuri tgħaddi minn proċess ġudizzjarju fil-konfront ta' missierha, xejn ma kien fl-aqwa interess tagħha, u l-Qorti ma tistax għajr tiddeplora dan l-aġir min-naħa tal-omm.

## KONKLUŻJONI

Illi għad-diversi raġunijiet sollevati mill-Perit Legali u tenut kont ukoll tal-fatt li l-minuri issa ilha titrabba mill-konvenuta għal diversi snin, il-Qorti m'hijiex ser tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri M B unikament u esklussivament f'idejn l-attur, kif mitluba, iżda qed iżżomm ferm id-digrieti tagħha preċedenti fejn il-kura u l-kustodja tal-minuri ġiet fdata f'idejn l-omm, il-konvenuta. Il-minuri issa għandha tlettax-il sena magħluqa u qiegħda fil-fażi delikata tal-adoloxxenza u b'hekk il-Qorti m'hijiex tal-fehma li jkun fl-aħjar interess tagħha li hija tbiddel l-ambjent tagħha, l-iskola u l-ġenitur li hija għandha fiduċja miegħu u huwa l-punt ta' referenza tagħha.

Madankollu, il-Qorti tħoss li għar-raġunijiet suesposti, il-konvenuta għandha tiġi sorveljata minn żmien għal żmien mill-Aġenzija Appoġġ, sabiex ikun ikkonfermat li l-minuri qed tiġi kkurata kif mixtieq. L-Aġenzija għandha tappunta ħaddiema soċjali li jwettaq viżti fid-dar tal-konvenuta anke meta l-konvenuta ma tkunx avżata bihom, u tirraporta lill-Qorti jekk tinnota xi aġir suspettuż min-naħa tal-omm.

Rigward l-aċċess tal-missier, il-Qorti hija tal-fehma li ladarba l-attur ġie meħlus minn kull akkuża, tkun inġustizzja fil-konfront tiegħu li ma terġax tistabilixxi aċċess favur bintu. Tkun inġusta wkoll għall-minuri li tiġi mċaħħda minn missierha, u għalhekk ir-rapport bejniethom għandu jerġa' jibda jinbena b'mod immedjat iżda b'pass meqjus, tenut kont li dan ġie sever sentejn ilu.

Għalhekk il-Qorti qiegħda tordna illi:

a) Fit-tliet xhur mid-data tal-preżenti, ikun hemm aċċess ta' sagħtejn darba fil-ġimgħa, taħt superviżjoni mill-Aġenzija Appoġġ, iżda mhux fil-bini tagħha. L-aċċess isir skont l-eżiġenzi tal-Aġenzija Appoġġ b'konsiderazzjoni lejn il-ħtiġijiet tal-minuri. Is-superviżjoni qiegħed jiġi ordnat sabiex jassisti lill-missier u l-bint jerġgħu jibnu rapport san bejniethom, u wkoll sabiex kwalsiasi animożita` li jista' jkun hemm min-naħa tal-missier dwar l-akkużi li ġie lliberat minnhom, bl-ebda mod ma tiġi trasmessa lill-minuri;

b) F'għeluq it-tliet xhur, u fin-nuqqas ta' rakkomandazzjoni kuntrarja mill-istess Aġenzija Appoġġ, l-aċċess jiżdied għal darbtejn fil-ġimgħa għal sagħtejn u jsir mingħajr ebda superviżjoni. L-aċċess isir kull nhar ta' Tlieta u kull nhar ta' Gimgħa bejn is-6.00pm u t-8.00pm. Dan jibqa' sejjer hekk sa Marzu 2019 meta l-minuri tagħlaq erbatax-il sena.

c) Minn Marzu 2019, l-aċċess bejn il-missier u l-bint ikun wieħed liberu skont kif jiġi miftiehem bejniethom u jkun jista' jinkludi sleepover fir-residenza tal-missier, fin-nuqqas ta' rakkomandazzjoni kuntrarja mill-Aġenzija Appoġġ li diġa ġiet ordnata tagħmel monitoring tal-minuri M B.

**<u>DEĊIDE</u>**

Għalhekk, għar-raġunijiet kollha suesposti, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:

1. Tiċħad l-eċċezzjoni preliminari sollevata mill-konvenuta u cioe dik dwar l-allegat nuqqas t'awtorizzazzjoni tal-attur sabiex jipproċedi bil-proċeduri odjerni;

2. Tilqa' l-ewwel talba tal-attur billi tikkonferma li l-Qorti ħadet konjizzjoni tal-fatti kollha elenkati fil-mori ta' din il-kawża u tar-rapport tal-ħaddiema soċjali Therese Micallef;

3. Tiċħad it-tieni, it-tielet u r-raba' talba tal-attur;

4. Tordna aċċess versu l-missier kif elaborat fil-paragrafu preċedenti intestat "KONKLUŻJONI";

5. Tordna lill-Aġenzija Appoġġ tibqa' tissorvelja u tagħmel *monitoring* fuq il-minuri M, kemm fil-kura li tingħata minn ommha l-konvenuta u wkoll fl-aċċess ma' missierha u dana kif elaborat fid-dettall fil-paragrafu preċedenti intestat "KONKLUŻJONI";

Bl-ispejjeż kontra l-attur.

Komunika:
Aġenzija Appoġġ – 36, St' Luke's Road, Gwardamangia.